# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 31

Il-Hamis, 15 t'April, 2010

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fit-3.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri, Raymond Azzopardi, Peter Buontempo, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

Il-Kunsillier Borg infurmat li kienet ma tiflahx.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 30 li saret nhar il-Hamis, 11 ta' Marzu, 2010 kienu konfermati.

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***Xoghol fi Triq ir-Repubblika***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xoghol fi Triq ir-Repubblika ma sarx it-Tnejn minhabba li minkejja l-ittri fid-djar u l-avvizi fit-triq xorta kien hemm il-karozzi pparkjati. Ghaldaqstant, ix-xoghol issa ser isir l-Erbgħa u l-Hamis u t-triq ser tinghalaq kompletament minn gurnata qabel.

## KORRISPONDENZA

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Fuq talba tal-Malta Community Chest Fund ghal permess temporanju sabiex meta jkollhom un/loading ta' affarijiet tqal ikunu jistghu jipparkjaw fi Triq l-Arcisqof fil-genb tal-Palazz, il-Kunsill talab li jinghata l-frekwenzi u l-hinijiet meta dawn generalment isiru;

- Il-Kunsill unanimament qabel li l-Kunsillier Peter Buontempo jippartecipa f'Konferenza II Forum of Local and Regional Authorities li ser issir f'Barcelona fit-2 u t-3 ta' Mejju, 2010.

- Il-Kunsill qabel unanimament li jixtri l-kotba tal-Prize Day ta'l-iskola Primarja Sant'Jiermu;

- Dwar il-problema tat-traffiku li jghaddi minn M'Xetto Wharf, jigifieri bejn il-pitch tal-waterpolo u l-mina tal-Fossa, il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta ta' TM biex din it-triq issir one way u t-traffiku jinzel minn hdejn il-latrina pubblika u johrog mill-mina tal-Fossa.

## KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

***Plakka mill-Ambaxxata Taljana***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-21 t'April, 2010, f'nofsinhar, l-Ambaxxata Taljana bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Valletta kienet se tinawgura plakka fil-gnien tal-Barrakka t'Isfel.

***Grand Prix de Malte***
Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-weekend meta ser isir il-Grand Prix fil-Belt, is-Sibt il-Belt mhux ser tinghalaq filwaqt li l-Hadd l-access ser ikun biss ghar-residenti f'certu intervalli.

*Iz-zjara tal-Papa f'Malta*
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Papa ser ikun fil-belt Valletta is-Sibt, meta jasal Malta u fi Pjazza San Gorg ser ikun milqugh mit-tfal.

*Fireworks Festival*
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-fireworks festival ser isir nhar id-29 u 30 t'April, 2010.

*Progetti ta' l-EU*
Is-Sindku nforma lill-Kunsill bil-progetti ta' l-EU li l-Kunsill applika ghalihom.

Fost dawn il-progetti hemm dawk bejn Malta u l-Italja li jitrattaw suggetti varji Progett ta' l-ERDF li saret applikazzjoni ghal refurbishment ta' Peacock Garden. Ghal dan il-Progett harget ukoll sejha ghal Project Manager fuq dan ix-xoghol. Dan huwa Progett ta' bejn nofs miljun u miljun ewro. Saret ukoll applikazzjoni taht l-ESF fejn l-iskop huwa li kerrejja li tinsab fi Triq San Nikola tigi *refurbished* u jsir post fejn isir tahrig ghar-residenti. Hemm ukoll 3 progetti Leonardo, progett iehor ta' l-FP7 biex jinghaqdu l-muzewijiet tal-Belt kollha flimkien u Progett iehor CIP, Connecting Smart Cities.

## MISTOQSIJIET

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru

## AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI

Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' desk u computer gdid sabiex wara li jsiru l-interviews u jinghazel il-persuna, ikun hemm l-ufficcju lest biex jiffunzjona.

## AWTORIZAZZJONI GHALL-IFFIRMAR TA' L-ORDNIJIET GHAL HLASIJIET

Il-Kunsill awtorizza l-iffirmar ta' l-ordnijiet ghal hlasijiet kif imnizzla fil-lista annessa.

## TMIEM

Fl-4.30pm intemmet is-Seduta

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku